DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Frar 2014

li timplimenta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

(2014/77/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) L-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE għandhom jitwettqu b'mod sħiħ minn korp intern magħmul mill-President u l-Viċi President tiegħu u erba' rappreżentanti tal-BĊE u rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali f'kull Stat Membru parteċipanti ("Bord Superviżorju").

(3) Il-Bord Superviżorju għandu jkun korp essenzjali fl-eżekuzzjoni ta' kompiti superviżorji mill-BĊE, kompiti li sa issa dejjem kienu f'idejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Għal din ir-raġuni, fis-16 ta' Diċembru 2013 l-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni biex jinħatar il-President tal-Bord Superviżorju ([2]). Għall-istess raġunijiet, il-Kunsill għandu jingħata s-setgħa li jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni biex jinħatar il-Viċi President tal-Bord Superviżorju.

(4) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament imsemmi hawn fuq, u wara li samal-Bord Superviżorju, il-BĊE ippreżenta proposta għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni fit-22 ta' Jannar 2014. Il-Parlament Ewropew approva din il-proposta fil-5 ta' Frar 2014.

(5) Sussegwentement, fil-5 ta' Frar 2014, il-BĊE ppreżenta lill-Kunsill proposta għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER hija maħtura Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

E. VENIZELOS

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 50).